

IĊ-ĊITTADINI EWROPEJ U L-PROPRJETÀ INTELLETTWALI: PERĊEZZJONI, SENSIBILIZZAZZJONI, U MĠIBA – 2020

SOMMARJU EŻEKUTTIV



NOVEMBRU 2020

IĊ-ĊITTADINI EWROPEJ U L-PROPRJETÀ INTELLETTWALI: PERĊEZZJONI, SENSIBILIZZAZZJONI, U MĠIBA 2020

SOMMARJU EŻEKUTTIV

NOVEMBRU 2020

Werrej

Kelmtejn ta' qabel	4
Sommarju eżekuttiv	5
Il-Proprietà intellettwali – Sensibilizzazzjoni u opinjonijiet	5
Oġġetti ffalsifikati – Opinjonijiet u konsum	6
Kontenut online piratat – Opinjonijiet u konsum	8

KELMTEJN TA' QABEL

Dan l-istudju maġġuri aġġornat dwar kif id-drittijiet tal-PI huma pperċepiti miċ-ċittadini tal-UE huwa pjan direzzjonali uniku għall-pajjiżi kollha tal-UE meta niġu għall-attitudnijiet u l-imġiba fir-rigward tal-falsifikazzjoni u tal-piraterija.

Issa fit-tielet edizzjoni tiegħu, dan juri bidla gradwali iżda inkoraġġanti fil-fehim u fl-attitudnijiet, wara l-istħarriġ preċedenti mill-EUIPO fl-2013 u fl-2017.

Bħal fl-edizzjonijiet preċedenti, dan l-istudju li sar madwar l-UE kollha jikkonferma li l-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini jaqblu li huwa importanti li dawk li jinvestu l-ħin u l-flus fl-innovazzjoni jkollhom id-drittijiet tagħhom protetti u jitħallsu għal xogħolhom.

Din id-darba, hemm żieda partikolarment kbira fir-rispett għall-artisti u l-kreaturi. Barra minn hekk, in-nies qegħdin gradwalment jgħidu li jifhmu aħjar id-drittijiet tal-PI, li hija sejba importanti, minħabba l-evidenza li turi dawk li jifhmu dawn id-drittijiet aktarx li anqas jiksruhom b'mod deliberat.

Kien hemm tnaqqis żgħir minn 7 % għal 5 % fix-xiri intenzjonat ta' oġġetti ffalsifikati u minn 10 % għal 8 % fil-piraterija intenzjonata. Iż-żgħażaġħ ikompli jkun l-akbar grupp li jixtru oġġetti ffalsifikati u jniżżlu kontenut b'mod illegali, li juri li fadal aktar xogħol xi jsir f'dan ir-rigward, speċjalment peress li dan il-grupp huwa magħmul mill-utenti li l-aktar li jużaw l-Internet. Fl-istess ħin ix-xejra li x-xiri tal-oġġetti ffalsifikati jiġi pperċepit bħala ta' ħsara għall-immaġni tal-persuni qed tkompli tiżdied – b'żieda 'l fuq minn 12 % għal 17 % fl-istudju attwali.

Filwaqt li l-istudju ma jidhox fir-raġuni għaliex l-oġġetti ffalsifikati issa qed jiġu pperċepiti b'mod aktar negattiv, din ix-xejra x'aktarx tissaħħaħ bir-reazzjoni negattiva tal-pubbliku kontra mediċini u tagħmir protettivi personali foloz matul il-kriżi tal-Covid-19.

Fir-rigward tad-downloads, il-persuni issa huma aktar lesti li jħallsu għall-kontenut legali b'mod partikolari jekk ikun disponibbli bi prezz irħis. Parti minn din il-bidla tista' tkun marbuta maż-żieda fid-disponibbiltà tas-sorsi legali. Il-persuni qed iħallsu aktar għall-kontenut legali hekk kif jitjiebu l-kwalità u d-diversità. Barra minn hekk, aktar ta' spiss qegħdin jivverifikaw jekk is-siti li jużaw humiex legali jew le.

Dawn il-bidliet, u r-raġunijiet warajhom, jistħoqqilhom jiġu studjati mill-qrib u dan ir-rapport aġġornat għandu jibqa' riżorsa importanti kemm għar-riċerkaturi, għall-professjonisti tal-PI u għal dawk li jfasslu l-politika.

Id-dettalji għandhom jgħinu lill-partijiet interessati fil-livell nazzjonali biex jiġġieldu l-kriminalità tal-PI u jipprovdu punt ta' referenza li jfassal strateġiji futuri ta' sensibilizzazzjoni pubblika għall-EUIPO u fl-UE b'mod ġenerali.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet tal-istudju tal-2020 dwar “lĊ-Ċittadini Ewropej u l-Proprietà Intellettwali: Perċezzjoni, Sensibilizzazzjoni u Mġiba” (Studju dwar il-Perċezzjoni tal-PI tal-2020). L-għan ġenerali ta’ dan l-istudju huwa li jiġbor għarfien dwar l-attitudnijiet tal-Ewropej fir-rigward tal-proprjetà intellettwali (PI), il-grad sa fejn jirrispettaw dawn id-drittijiet, u l-kunċett li għandhom tal-PI b’mod ġenerali. B’mod aktar speċifiku, l-istudju jservi bħala għodda ta’ monitoraġġ tal-opinjoni pubblika fir-rigward ta’:

- 1) l-għarfien ġenerali u l-perċezzjoni tal-PI;
- 2) is-sensibilizzazzjoni tal-valur tal-PI u l-ħsara kkawżata minn ksur;
- 3) l-oġġetti ffalsifikati u kontenut online piratat, u r-raġunijiet għax-xiri jew l-użu ta’ dawn (jew le);
- 4) id-disponibbiltà u l-kwalità ta’ offerti ta’ kontenut legali online fl-Unjoni Ewropea (UE) u fil-livell nazzjonali.

B’kolloxx, twettqu 25 636 intervista ma’ residenti tal-UE ta’ 15-il sena u aktar. Il-kwestjonarju kien fil-parti l-kbira simili għall-istudju preċedenti biex jippermetti riżultati komparabbli. Ġew integrati modifiki fil-kwestjonarju biex jiġu esplorati aktar ir-relazzjonijiet bejn il-perċezzjoni u l-imġiba.

IL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI – SENSIBILIZZAZZJONI U OPINJONIJIET

Il-kunċett tal-proprjetà intellettwali huwa mifhum fuq livell għoli. Dawk li ma jiksrux id-drittijiet tal-PI x’aktarx li aktar jkunu jifhmu tajjeb ħafna jew pjuttost tajjeb il-kunċett minn dawk li jipparteċipaw fi mġiba li tikser il-PI.


Il-livell soġġettiv ta’ kemm wieħed jifhem il-kunċett ta’ “proprjetà intellettwali” jibqa’ għoli b’rata ta’ 80 % (+ 2 punti perċentwali (pp) meta mqabbel mal-istudju tal-2017), għalkemm dan varja b’mod sostanzjali minn pajjiż għal ieħor. Bħal fiż-żewġ studji preċedenti, ir-rispondenti li huma l-iżgħar fl-età juru l-aktar livell soġġettiv baxx ta’ kemm jifhmu l-PI meta mqabbla mal-gruppi li huma akbar fl-età (71 %).

Is-sensibilizzazzjoni dwar il-PI hija konsiderevolment taħt il-medja fost dawk li intenzjonalment xtraw oġġetti ffalsifikati (70 %) jew aċċessaw kontenut online piratat (73 %), li jissuġġerixxi li dawk li jifhmu inqas il-PI aktar huma probabbli li jwettqu ksur tagħha.


Il-fehim tal-kunċett tal-proprjetà intellettwali u l-ksur tiegħu

Fehim tajjeb ħafna + pjuttost tajjeb tat-terminu “proprjetà intellettwali” fost dawk li...


jixtru oġġetti ffalsifikati
intenzjonalment




ma jixtrux oġġetti
ffalsifikati
intenzjonalment



jaċċessaw sorsi illegali
għall-kontenut diġitali
intenzjonalment



ma jaċċessawx sorsi
illegali għall-kontenut
diġitali intenzjonalment



Huwa kważi universali li daww fl-Ewropa jirrikonoxxu l-valur tal-protezzjoni tal-PI, kif kien il-każ fl-2017, għalkemm ftit jaraw li hemm xi benefiċċju għal persuni bħalhom. Waqt li l-protezzjoni tal-PI tista' titqies bħala xi ħaġa l-aktar ta' benefiċċju għal artisti famużi tal-ispettaklu u kumpaniji kbar, kien hemm irduppar ta' daww li jemmnu li l-protezzjoni tal-PI hija l-aktar ta' benefiċċju għall-kreaturi ta' kontenut artistiku.

Il-valur tal-protezzjoni tal-PI huwa rikonoxxut madwar l-Ewropa. Il-kunsens (98 %) huwa li jkun ta' importanza li inventuri, kreaturi u artisti jkun jistgħu jiproteġu d-drittijiet tagħhom u jitħallsu għax-xogħol tagħhom, kif kien il-każ fl-istudju preċedenti (97 %). Bl-istess mod, il-fehma tar-rwol tal-PI fl-istabbiltà ekonomika tibqa' waħda stabbli bi 73 % jaqblu li kieku ma jkunx hemm aktar protezzjoni tal-PI, ikun hemm kaos ekonomiku.

Filwaqt li l-perċezzjoni tal-valur tal-protezzjoni tal-PI tista' tkun għolja, ftit Ewropej (4 %) jemmnu li l-PI prinċipalment tibbenefika lil persuni bħalhom. Ħafna għadhom jemmnu li l-PI prinċipalment tibbenefika lil "daww il-persuni tal-ogħla livell", bħal artisti famużi u kumpaniji kbar – għalkemm il-perċezzjoni li kumpaniji kbar jibbenefikaw naqset b'9 punti perċentwali mill-aħħar studju.

Barra minn hekk, il-proporzjon ta' Ewropej li jaħsbu li l-PI hija l-aktar ta' benefiċċju għall-kreaturi ta' kontenut artistiku rdoppja, minn 10 % fl-2017 għal 20 % fl-2020, għalkemm għandu jiġi enfasizzat li fl-2020 ġew miżjuda żewġ kategoriji oħra ma' din il-partita ta' mistoqsija ("awturi/kittieba" u "produtturi tal-films"). Kważi ħadd ma ħaseb li l-ebda pesuna ma tibbenefika mill-PI (2 %).

Min jibbenefika l-aktar mill-protezzjoni tal-PI? ⁽¹⁾

Artisti tal-ispettaklu famużi	21 % (0)
Kreaturi tal-kontenut artistiku	20 % (+10)
Kumpaniji kbar	15 % (-9)
Konsumaturi bħalek	4 % (-1)

OĠĠETTI FFALSIFIKATI – OPINJONIJIET U KONSUM

Il-maġġoranza jemmnu li l-oġġetti ffalsifikati jkollhom effett negattiv fuq l-ekonomija f'termini ta' negozju u impjiegi.

L-Ewropej għandhom it-tendenza li jkun konxji mill-effetti negattivi ta' oġġetti ffalsifikati fuq l-ekonomija u s-saħħa u s-sigurtà. L-argument ekonomiku kontra x-xiri ta' oġġetti ffalsifikati jibqa' jkun tal-aktar piż – 83 % fl-2020 jaqblu li x-xiri ta' oġġetti ffalsifikati jeqred in-negozji u l-impjiegi.

Hemm rifjut kontinwu ta' ġustifikazzjonijiet li jagħmlu x-xiri ta' oġġetti ffalsifikati aċċettabbli.

Kif kien il-każ fl-2017, ħafna mill-Ewropej ma jaqblux mal-argumenti li jiġġustifikaw ix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati. Minoranza żgħira biss taċ-ċittadini tal-UE jaraw raġunijiet validi għax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati. Pereżempju, 15 % biss tal-Ewropej "b'mod totali" jew "għandhom it-tendenza" jaqblu li huwa aċċettabbli li jinxtraw prodotti ta' lussu foloz. Din id-diżapprovazzjoni għax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati żdiedet kemxejn mill-aħħar studju.

⁽¹⁾ Sors: M2: FI-opinjoni tiegħek, min jibbenefika l-aktar mill-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali? (Bażi totali; n= 25 636). MISTOQSIJA DWAR IX-XEJRA.


Madankollu, id-diżapprovazzjoni tax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati mhix l-istess fost id-demografija kollha. Iż-żgħażaġh (ta' taħt l-24 sena) x'aktarx li aktar jaqblu mal-ġustifikazzjonijiet għax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati. 30 % ta' dawn iż-żgħażaġh "jaqblu/għandhom it-tendenza li jaqblu" li huwa aċċettabbli li jinxtraw prodotti ta' lussu foloz – id-doppju tal-popolazzjoni medja tal-UE. 37 % ta' din id-demografija jemmnu li huwa aċċettabbli li jinxtraw oġġetti ffalsifikati meta l-prezz tal-prodott oriġinali jkun għoli wisq, meta mqabbel ma' 24 % tal-persuni kollha mistħarrġa.

Ftit jammettu li b'mod intenzjonali jixtru oġġetti ffalsifikati, f'konformità mas-sejbiet tal-2013. Dawk li xtraw oġġetti ffalsifikati, x'aktarx li aktar jaqblu ma' dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw dan bħala aċċettabbli.

Ix-xiri ddikjarat ta' oġġetti ffalsifikati huwa baxx. Il-proporzjon ta' Ewropej li jammettu li intenzjonalment xtraw oġġetti ffalsifikati matul l-aħħar 12-il xahar naqas kemxejn, minn 7 % fl-2017, għal 5 % fl-2020, li ġie aktar konformi mal-figura osservata fl-2013 (4 %).

Kif kien il-każ fl-istudju preċedenti, iż-żgħażaġh x'aktarx li aktar jammettu li xtraw oġġetti ffalsifikati intenzjonalment – 10 % ta' dawk li għandhom bejn 15 u 24 sena ammettew dan – doppju tal-medja Ewropea. Ix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati u l-aċċess għal kontenut online piratat huma relatati, bi 30 % ta' dawk li intenzjonalment aċċessaw kontenut online piratat jkun xtraw oġġetti ffalsifikati.

Xtraw prodotti ffalsifikati intenzjonalment ⁽²⁾



Dawk li jammettu li intenzjonalment jixtru oġġetti ffalsifikati x'aktarx jindikaw li dan jista' jiġi ġiġi ġiġi ġustifikat. Żewġ terzi (64 %) ta' dawk li jgħidu li xtraw oġġetti ffalsifikati intenzjonalment, iħossu li dan huwa aċċettabbli li jsir meta l-prezz tal-prodott oriġinali u awtentiku jkun wisq għoli. Ftit inqas biss (58 %) minn dawk li xtraw oġġetti ffalsifikati intenzjonalment iħossu li dan huwa aċċettabbli li jsir meta l-prodott oriġinali ma jkunx (jew għadu mhux) disponibbli fejn jgħixu.

B'konsistenza mal-aħħar studju, minoranza mdaqqsa kellhom dubju jekk xi ħaġa li xtraw kinitx prodott ġenwin jew prodott iffalsifikat. Ix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati bħala riżultat ta' qerq ukoll jibqa' wieħed baxx.

⁽²⁾ Sors: M4a: Matul dawn l-aħħar 12-il xahar, liema minn dawn għamilt? - Xtrajt prodotti ffalsifikati intenzjonalment (Bażi totali; n= 25 636). MISTOQSIJA DWAR IX-XEJRA.

Terz tal-Ewropej (33 %) staqsew matul l-aħħar 12-il xahar jekk prodott li xtraw kienx oriġinali jew le, tnaqqis minn 37 % fl-2017. Madwar 1 minn kull 10 (9 %) kienu mqarrqa biex jixtru oġġetti ffalsifikati matul is-sena preċedenti, ċifra li baqgħet bejn wieħed u ieħor stabbli mill-2017 (- 1 pp). Hemm rappreżentanza żejda osservabbli ta' żgħażaġħ fost dawk li xtraw oġġetti ffalsifikati minħabba li kienu mqarrqa – 12 % meta mqabbel mal-medja ta' 9 %.

L-ispiża hija importanti iżda naqset fl-importanza bħala raġuni għall-waqfien tax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati. Il-ħsara għar-reputazzjoni hija deterrent akbar meta mqabbla mal-istudju preċedenti.

Id-disponibbiltà ta' prodotti ġenwini rħas tibqa' r-raġuni ewlenija li twassal biex il-konsumaturi ta' oġġetti ffalsifikati jwaqqfu dan il-vizzju; madwar nofs (52 %) dawk li jixtru oġġetti ffalsifikati jgħidu li dan iwaqqafhom. Meta mqabbla mal-2017, id-disponibbiltà ta' prodotti rħas issa hija, f'termini assoluti, motivatur anqas importanti biex in-nies jieqfu jixtru oġġetti ffalsifikati (- 10 pp), għalkemm għadu l-iktar wieħed importanti. Dan huwa l-każ fost il-gruppi soċjodemografiċi. Ir-riskju ta' kastig huwa motivatur importanti għaż-żgħażaġħ biex jieqfu jixtru oġġetti ffalsifikati, b'46 % ta' dawk li għandhom bejn il-15 u l-24 sena li xtraw oġġetti ffalsifikati jirrapportaw dan.

Il-ħsara għar-reputazzjoni hija iktar konvinċenti meta mqabbla mal-2017, hekk kif aktar risponenti (17 %; + 5 pp) li intenzjonalment xtraw oġġetti ffalsifikati, jiddikjaraw li ħsara lill-immaġni tagħhom twaqqafhom milli jixtru oġġetti ffalsifikati.

L-affordabbiltà hija wkoll raġuni wara d-deċiżjoni biex ma jinxtrawx oġġetti ffalsifikati. Madankollu, dawk li ma jixtrux oġġetti ffalsifikati intenzjonalment huma aktar immexxiya mill-mod kif jifhmu l-ħsara kkawżata lill-produtturi, lill-impjegi u lill-ekonomija meta mqabbla ma' dawk li xtraw oġġetti ffalsifikati.

Fl-istħarriġ attwali, għall-ewwel darba, dawk li wiegħbu li ma xtrawx oġġetti ffalsifikati intenzjonalment matul l-aħħar 12-il xahar ġew mistoqsija dwar ir-raġunijiet ewlenin tagħhom għaliex ma għamlux dan. Id-disponibbiltà ta' prodotti oriġinali rħas hija r-raġuni ewlenija tagħhom għala ma xtrawx oġġetti ffalsifikati. Madankollu, meta mqabbla ma' dawk li intenzjonalment xtraw oġġetti ffalsifikati, dawk li ma għamlux hekk, b'mod sinifikanti x'aktarx li ma jkunux għamlu dan minħabba li jifhmu l-ħsara kkawżata lill-produtturi, lill-impjegi u lill-ekonomija – rispettivament 48 % u 41 % ta' dawk li ma jixtrux oġġetti ffalsifikati semmew dawn bħala r-raġunijiet ewlenin, meta mqabbla ma' 24 % ta' dawk li jixtru oġġetti ffalsifikati. Dan jissuġġerixxi li s-sensibilizzazzjoni tal-effetti negattivi hija relatata max-xiri (jew le) tal-oġġetti ffalsifikati.


It-tiġrib ta' esperjenza personali ħażina fix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati jidher li jħalli impatt fuq iż-żgħażaġħ. Żgħażaġħ li **ma xtrawx** oġġetti ffalsifikati intenzjonalment fl-aħħar 12-il xahar, ġeneralment evitaw l-oġġetti ffalsifikati minħabba li kellhom esperjenza personali ħażina meta xtrawhom fil-passat – 31 % ta' dawk li għandhom bejn il-15 u l-24 sena irrapportaw dan, meta mqabbel ma' 23 % tar-risponenti kollha. Fl-istess ħin, risponenti iżgħar x'aktarx li anqas isemmu li ma jixtrux oġġetti ffalsifikati minħabba li jifhmu l-ħsara kkawżata lill-produtturi, lill-impjegi u lill-ekonomija (42 % u 34 % ta' dawk bejn il-15 u l-24 sena isemmu dan bħala l-motivatur ewleni biex ma jixtrux oġġetti ffalsifikati).

KONTENUT ONLINE PIRATAT – OPINJONIJIET U KONSUM

L-aċċettazzjoni tal-użu ta' sorsi illegali għall-aċċess tal-kontenut diġitali għall-użu personali qed tonqos b'mod drammatiku, filwaqt li l-perċentwal li jemmen li dan huwa aċċettabbli jekk ma jkunx hemm alternattiva legali jibqa' wieħed stabbli.

L-aċċess għal kontenut online piratat qed ikun anqas u anqas aċċettabbli. Wara tnaqqis żgħir fl-2017, dan l-istudju jara tnaqqis ġenerali ta' 15-il punt perċentwali mill-2013 fil-proporzjon ta' persuni fl-UE li jemmu li huwa aċċettabbli li jinkiseb kontenut online illegalment jekk ikun għall-użu personali. Fl-istess ħin, 28 % jiddikjaraw li l-kisba ta' kontenut online permezz ta' sorsi illegali hija aċċettabbli jekk ma jkunx hemm alternattiva legali disponibbli.

Attitudni lejn kontenut online piratat ⁽³⁾



Irrispettivament mit-tip ta' kontenut online, is-sensibilizzazzjoni dwar l-offerti legali huwa b'mod sinifikanti oġġla fl-2020 meta mqabbel ma' 3 snin ilu.

Aktar minn żewġ terzi ta' dawk fl-Ewropa huma konxji mid-disponibbiltà ta' offerti legali għal tliet kategoriji ta' kontenut online: films, mużika u sensieli televiżivi. Il-popolazzjoni iżgħar fl-età hija l-aktar konxja mill-offerti legali fir-rigward tal-mużika, films, sensieli televiżivi u loġħob tal-vidjo.

Il-preferenza li jintgħażlu sorsi legali qed tkompli tikber meta dawk l-għażliet legali jkunu affordabbli. Barra minn hekk, kemm il-kwalità kif ukoll id-diversità tal-kontenut offrut fuq is-servizzi legali qegħdin jittqiesu dejjem aktar bħala superjuri għal dak li jinstab fuq sorsi illegali.


L-Ewropej għandhom preferenza ċara għal kontenut legali online, jekk ikollu prezz raġonevoli. Il-maġġoranza ċara (89 %) "jaqlbu kompletament" jew "għandhom it-tendenza li jaqlbu" mad-dikjarazzjoni "Kull meta jkun hemm għażla legali affordabbli, nippreferi naċċessa/innizzil/nistrimja kontenut permezz ta' pjattaformi awtorizzati u ma naċċessax/innizzilx/nistrimjax b'mod illegali".

L-opinjoni jiet huma wkoll pożittivi rigward il-kwalità u d-diversità tal-kontenut offruti mis-servizzi legali. B'mod partikolari, aktar minn tliet kwarti (76 %) "jaqlbu kompletament" jew "għandhom it-tendenza li jaqlbu" li l-kwalità tal-kontenut offrut mis-servizzi legali hija aħjar minn dak li tista' tinstab permezz ta' sorsi illegali. Hemm żieda sinifikanti fil-proporzjon li taqbel li l-kwalità tas-servizzi legali hija aħjar meta mqabbla mas-sorsi illegali mill-ewwel studju fl-2013 għal dan l-istħarriġ.

Il-proporzjon li għandu preferenza għal kontenut legali online, jekk ikun affordabbli, żdied ukoll matul is-snin b'9 punti perċentwali. Filwaqt li għadha l-iktar motivazzjoni konvinċenti fl-għażla tal-għażliet legali, mill-2013, iż-żieda f'dawk li jaqlbu ma' din id-dikjarazzjoni ma kinitx drammatika daqs iż-żieda fil-perċentwal ta' dawk li jaqlbu li l-kwalità (+ 22 pp) u d-diversità (+ 14-il pp) tal-kontenut offrut mis-servizzi legali huma aħjar minn dak li jista' jinstab permezz ta' sorsi illegali.

⁽³⁾ Sors: M3: Jekk jogħġbok għidli jekk taqbilx kompletament, għandekx it-tendenza li taqbel, taqbilx, għandekx it-tendenza li ma taqbilx jew ma taqbilx kompletament mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin: (Bażi totali; n= 25 636). MISTOQSIJA DWAR XEJRA.


Opinjonijiet dwar offerti legali, xejriet mill-2013 ⁽⁴⁾



Il-ħlas għall-kontenut online minn sorsi legali sar aktar mifruq.

Il-preferenza għall-użu ta' sorsi legali għal kontenut diġitali tintwera bit-tkabbir sinifikanti fil-proporzjon li fil-fatt ħallas biex jaċċessa l-kontenut minn sorsi legali online. Aktar minn 4 minn 10 Ewropej (42 %) ħallsu biex jaċċessaw, iniżżlu jew jistrimjaw kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur minn servizz legali fuq l-Internet, żieda ferm sinifikanti (+ 17-il pp) mill-2017. Meta mqabbla mal-2013, din iċ-ċifra aktar minn irdoppjat (+ 24 pp). Dawn is-sejbiet jallinjaw ma' studji reċenti oħra li osservaw żieda simili fil-konsum ta' servizzi ta' abbonamenti online, żvilupp li jidher li għe biss imsaħħaħ mill-pandemija tal-COVID-19 ⁽⁵⁾.

ħlas għal kontenut online minn servizz legali ⁽⁶⁾



⁽⁴⁾ Sors: M7: Għal kull waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet dwar offerti legali li jipprovdu kontenut bħal mużika u films fuq l-Internet jekk jogħġbok indika jekk taqbilx kompletament, għandekx tendenza li taqbel, għandekx tendenza li taqbilx jew ma taqbilx kompletament. (Bażi totali; n= 25636). MISTOQSIJA DWAR XEJRA.

⁽⁵⁾ Ara pereżempju: <https://www.digitaltveurope.com/2020/05/11/coronavirus-accelerates-global-svod-growth/>

⁽⁶⁾ Sors: M4b: Matul dawn l-aħħar 12-il xahar, liema minn dawn għamilt? - Ħlas għal aċċess, tniżżil jew strimjar ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur-minn servizz legali fuq l-Internet (pereżempju mużika, vidjo, film jew sensiela televiżiva) (Bażi totali; n= 25 636). MISTOQSIJA DWAR XEJRA.


Il-motivatur ewlieni għal dawk li jirrappurtaw li ma kellhomx aċċess għal kontenut diġitali permezz ta' servizzi illegali huwa d-disponibbiltà ta' kontenut irħis minn sorsi legali.

Kważi nofs (48 %) dawk li ma użawx sorsi illegali għal kontenut online ma għamlux hekk minħabba d-disponibbiltà ta' kontenut irħis minn sorsi legali. B'mod simili, dawn (48 %) ukoll huma mmexxija mill-fatt li jifhmu l-ħsara kkawżata lill-mużiċisti, lill-kittieba, lill-artisti u lill-kreaturi minn ksur tal-PI.

Iż-żieda fl-użu ta' sorsi legali għal kontenut diġitali ma ssarrfixx fi tnaqqis sinifikanti fl-użu ta' dawk illegali, iżda kien hemm tnaqqis żgħir fil-perċentwal ta' persuni fl-Ewropa li jammettu li jużaw sorsi online illegali għal kontenut diġitali.

Madwar 1 minn kull 10 Ewropej mistħarrġa (8 %) ammettew li użaw kontenut online piratat intenzjonalment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, kemxejn biss taħt iċ-ċifri rrapportati fl-2017 u fl-2013 (- 2 pp). Il-proporzjon li jammetti l-użu ta' sorsi illegali jiżdied fost il-gruppi ta' età żgħira u l-utenti li jagħmlu użu kbir mill-Internet. Huwa interessanti li dawk li aċċessaw kontenut illegali online intenzjonalment, x'aktarx ukoll li xtraw kontenut online. Dan jissuġġerixxi li n-nies fl-Ewropa jaqilbu bejn sorsi kemm legali kif ukoll illegali biex jaċċessaw il-kontenut li jeħtieġu. Kif innutat hawn fuq, hemm sovrapożizzjoni ċara bejn persuni li jaċċessaw sorsi illegali għal kontenut diġitali u persuni li jixtru oġġetti ffalsifikati.

Aċċessaw, niżżlu jew strimjaw kontenut minn sorsi online illegali intenzjonalment ⁽⁷⁾



Il-konfużjoni dwar xi jkun sors legali jew illegali għadha kostanti iżda l-isforz imwettaq biex ikun hemm għarfien jekk is-sorsi humiex legali jew le qiegħed jiżdied.

Kien hemm żieda bejn l-2013 u l-2017 fil-konfużjoni dwar dak li jikkostitwixxi sors legali jew illegali, iżda din ix-xejra waqfet. Ix-xejra attwali turi proporzjon kostanti (23 %, meta mqabbel ma' 24 % fl-2017) li huwa ambigwu dwar dak li jikkostitwixxi offerta legali jew illegali.

⁽⁷⁾ Sors: M4b: Matul dawn l-aħħar 12-il xahar, liema minn dawn għamilt? – Aċċessajt, niżżilt jew strimjajt kontenut minn sorsi online illegali intenzjonalment (Bażi totali; n= 25 636). MISTOQSIJA DWAR XEJRA.


L-evidenza ta' din ix-xejra tindika żieda fl-użu ta' sorsi legali online u preferenzi għal dawn is-sorsi legali. Dan huwa sostnut ukoll miż-żieda fil-proporzjon li jirriċerka jekk il-kontenut online huwiex minn sors legali jew le, minn 14 % fl-2017 għal 20 % fl-2020.

Meta mqabbel mal-użu ta' kontenut online piratat, it-tluġ ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur fuq l-Internet (bħal mużika, vidjo, film jew sensiela televiżiva) sabiex jiġi kondiviż ma' utenti oħra tal-Internet huwa inqas mifrux, b'7 % biss ta' dawk mistħarrġa jirrikonoxxu li għamlu dan matul l-aħħar 12-il xahar. Numru saħansitra iżgħar (3 %) ammettew li użaw apparat tal-istruzzjoni illeċitu, bħal kaxxi tad-dekoder b'applikazzjonijiet installati minn qabel, biex jaċċessaw kontenut piratat. Madankollu, dawn iż-żewġ attivitajiet illegali ma jistgħux jitqiesu bħala insinifikanti, peress li ż-żgħażaġħ huma aktar probabbli li jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet. Minn dawk li għandhom bejn il-15 u l-24 sena, 15 % tellgħu kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur u 7 % użaw apparat tal-istruzzjoni illeċitu.

Id-disponibbiltà ta' kontenut irħis tibqa' r-raġuni primarja li twaqqaf lil dawk li jaċċessaw sorsi illegali, għalkemm dan naqas sostanzjalment fl-importanza. L-argumenti li dan huwa għall-użu personali wkoll naqsu b'mod sostanzjali.

Id-disponibbiltà ta' kontenut irħis minn sorsi legali hija r-raġuni spiss l-aktar imsemmija biex jitwaqqaf l-użu ta' kontenut online piratat, segwit mir-riskju ta' kastig u fehim aħjar tal-ħsara kkawżata lill-kreaturi. Mill-2017, il-proporzjon li jiċċita li d-disponibbiltà ta' kontenut irħis minn sorsi legali twaqqafhom milli jużaw kontenut piratat naqas b'mod sostanzjali (- 12-il pp).

Xi jġiegħel lin-nies jieqfu jużaw kontenut online piratat? ⁽⁸⁾



⁽⁸⁾ Sors: M9a: Int indikajt li użajt sorsi illegali (siti web) intenzjonalment għal kontenut online matul dawn l-aħħar 12-il xahar. Liema huma l-elementi kollha li jġiegħluk tieqaf tuża sorsi illegali? (Bażi totali; n= 2 434). MISTOQSIJA DWAR XEJRA.



İĊ-ĊITTADINI EWROPEJ U L- PROPRJETÀ INTELLETTWALI: PERĊEZZJONI, SENSIBILIZZAZZJONI, U MĠIBA - 2020

SOMMARJU EŻEKUTTIV

NOVEMBRU 2020